MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 691/2002/1

**Saviour Muscat**

**Vs**

**Camela Contractors Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ elf u tmienja u tmenin lira Maltija (Lm1,088), arretrati ta’ pagi, bonus, vacation leave, over tiem u zidiet imhabba fil-budget ghall-gholi tal-hajja dovuta mill-istess socjeta konvenuta lill-attur ghall-perjodu mid-9 ta’ Novembru 2001 il-quddiem.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lill-attur jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallsu s-somma ta’ elf u tmienja u tmenin lira Maltija (Lm1,088), bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------